Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10075 - Nexi/Nets Group)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 46/07)

1. Fl-1 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Nexi S.p.A. ("Nexi", l-Italja), ikkontrollata bi sħab mid-ditti ta' ekwità privata, Advent International u Bain Capital,

— In-Nets Group, inkluża Nets A/S ("Nets", id-Danimarka), u Concardis Payment Group ("Concardis", il-Ġermanja).

Nexi takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tan-Nets Group kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Nexi tipprovdi servizzi ta' pagament għal negozjanti, detenturi ta' kards u banek, bħal servizzi ta' ħruġ ta' kards u ta' akkwist ta' negozjanti, forniment ta' terminals POS u servizzi relatati, servizzi ta' kards ta' pagament intelliġenti, servizzi awtomatizzati ta' prodotti ta'ġestjoni ta' flus kontanti, servizzi tal-ikklirjar għal pagamenti u servizzi korporattivi diġitali.

— In-Nets Group jipprovdi, fost prodotti u servizzi oħra, servizzi ta' akkwist ta' merkantili, terminals POS u gateways ta' pagament, servizzi tal-ipproċessar tal-kards, u servizzi ta' kards ta' pagament intelliġenti.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10075 - Nexi/Nets Group

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").